Foundation for
Information Technology
Accessibility

Gattard House,
National Road,
Blata l-Bajda
HMR 9010
Malta

**Laqgħa Generali tal-FITA 2013-12-07**

**Diskors tas-Sur Saviour Cachia**

Hon. Ministri, membri tal-bord u għeżież mistiedna grazzi talli għoġobkom tkunu magħna hawn illum. Grazzi lis-sur Tony Sultana, CEO tal-MITA talli għoġbu jilqagħna hawn, kemm illum, kif ukoll permezz tal-uffiċini u għajnuna li jipprovdulna matul s-sena.

Mhux ser noqgħod insemmi x-xogħol li t-team tal-FITA wettqu din l-ahhar sena. Ħlief għall-inizjattivi pubbliċi, ħafna minnu mhux dejjem jista' jiġi diskuss, u jibqa' ma jidhirx. Ser nagħżel biss żewġ biċċiet xogħol li nħoss għandhom iwittu t-triq għax-xhur li għandna quddiemna.

## Iċ-ċertifikazzjoni tal-aċċessibilita' fl-ICT

Servizz importanti li toffri l-FITA, huwa ċ-ċertifikazjoni tal-aċċessibilita' fl-ICT. Dan hu servizz speċjalizzat fejn il-FITA iġġorr ir-responsabbilta' li tivverfika servizzi u siti eletroniċi u tinforma l-klijenti fejn ikun għad fadal li jsir titjib f'dan is-sens. Dan żviluppajnih bħala servizz msejjes fuq l-għarfien u xogħol ta' persuni b'diżabilita' impjegati mal-FITA.

Spiss nirċievu talbiet minn studenti biex il-proġetti tagħhom jiġu vetted jew jingħataw parir. Dan nagħmluh bil-qalb, għax ifisser li aktar il-quddiem, għad ikun hemm ħaddiema kapaċi joħolqu prodott utli għal kulħadd. Iċ-certifikazzjoni hi u tibqa' servizz importanti, għax dan iwassal biex servizzi u prodotti tal-ICT jkunu aċċessibbli għal kulħadd mill-ewwel, u b'hekk ma' tinħoloqx diskriminazzjoni.

## Riċerka

Biċċa xogħol oħra hi r-riċerka dwar l-aċċessibilita' fl-ICT fost l-industrija Maltija. Din ir-riċerka tiġi ppublikata fil-jiem li ġejjin u tagħti xejra varjata tal-opinjoni w aspettattivi ta' min iħaddem u jiprovdi servizzi.
Flimkien ma' Ernst & Young sviluppajna kwestjonarju li ntuża bħala bażi għal intervisti ma 'l fuq minn 200 kumpanija. Iffukajna fuq tlitt aspetti primarji, jigifieri

*Mr. Stanley Debono: (356) 2599 2048; Email: stanley.debono@gov.mt*
*Mr. Michael Micallef: (356) 2599 2343; Email: michael.micallef@gov.mt*
*Fax: (356) 2599 2048; Website: http://www.fitamalta.eu*

- għarfien dwar l-aċċessibilta' fl-ICT u r-regolamenti marbuta magħha,
- l-importanza ta' ICT aċċessibbli għall-impjieg ta' persuni b'diżabilita' u
- r-rieda tal-kumpaniji li jintroduċu aċċessibilita' akbar fis-servizzi u ħidma tagħhom.

Mingħajr ma nikxef wisq dettalji, nikkonferma li filwaqt li l-għarfien dwar il-FITA u l-aċċessibilita' fl-informatika hija kbira ħafna fost l-industrija tal-informatika lokali, (ħadnilhom rashom) l-aktar oqsma li għarfu potenzjal fl-aċċessibilita' tal-informazzjoni, huma dawk tat-turiżmu u warajh dak tal-edukazzjoni.  Minkejja dan, 93% mit-total iħossu li l-ħaddiema tagħhom m'għandhomx għarfien biżżejjed dwar l-aċċessibilita' fl-ICT u jistrieħu fuq entitajiet bħal-FITA għal dan il-għan.

Għal din ir-riċerka għażilna li jsiru intervisti faċċia a faċċia, għax b'hekk ħareġ l-aspett edukattiv li jikkaraterizża l-FITA.  Fil-fatt, 50% tal-parteċipanti talbu li jiltqagħu mal-FITA biex jiddiskutu kif jistgħu jipprovdu ambjent informatiku aktar aċċessibli kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-klijenti tagħhom.  La darba tiġi ppublikata r-riċerka, nsiru nafu min huma, u nkunu nistgħu naħdmu fuq dan ukoll.

## Konklużjoni

Naħseb li l-istħarriġ li joħroġ minn dawn iż-żewġ biċċiet xogħol għandu jintuża' biex flimkien ma entitajiet oħrajn, noħolqu pjan ta' azzjoni li jkompli jwassal biex jitnaqqas id-digital divide.  Nirringrazja l-MITA, l-KNPD u l-Ministeri konċernati tas-support li dejjem urew lejn il-FITA biex dan ix-xogħol mhux biss ikompli jitwettaq, iżda jikber ukoll.

Grazzi